MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 2392/1998/1

**Noel Galea**

**Vs**

**James Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur s-somma ta' mitejn u erbgha u sebghin Lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm274.68) jew somma verjuri li tigi likwidata mill-Qorti bhala danni li sofra l-attur meta gewwa Burmarrad Road, Burmarrad fil-5 ta' Lulju 1998 il-konvenut kien qed isuq il-vettura numru CAF 815, dahal u laqat il-vettura numru GAD 569, propjeta' tal-attur, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 30 ta' Novembru 1998 bl-imghax legali mid-data tal-istess u b'hekk il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li l-incident awtomobilisitku in kwistjoni ma sehhx tort tal-eccipjenti izda unikament tort tal-attur minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu u ghalhekk id-danni ghandhom jigu sopportati minnu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inklus dak sottomess bil-miktub mill-konvenut a fol 43 sa fol 65.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad minnufih li l-mertu dan il-kaz hu l-istess f'kawza ohra differita ghas-seduta tallum stess u ghall-istess skop, liema kawza hi fl-ismijiet "Hugh P Zammit nomine vs Noel Galea" (avviz numru 570/99 JAB). Dwar dan issir referenza ghal dak verbalizzat waqt is-seduta tat-26 ta' Ottubru 1999.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-<u>mertu PS 122 Jimmy Muscat</u> (fol 29 sa fol 35 tal-istess atti) esebixxa kopja tal-<u>iskizz</u> u tar-<u>rapport</u> relattiv ghal dan il-kaz. In rigward l-<u>iskizz</u> (fol 31 u fol 14A ibid) jigi nnotat li:

a) marki ta' "brakes" twal 13.02 il-metru wara l-karozza bin-numru CAF 815, misjuqa mill-konvenut;

b) il-<u>hsarat</u> fuq iz-zewg vetturi involuti f'dan l-incident kif indikati fl-istess skizz. Hawnhekk jidher li dik gja msemmija u misjuqa mill-konvenut kellha hsara fuq quddiem fuq il-lemin waqt li dik misjuqa mill-attur kellha

hsara fuq il-genb tax-xellug fil-parti tan-nofs. In rigward ir-rapport (fol 32 u fol 14 ibid), iz-zewg sewwieqa involuti kienu irrilaxxaw stqarrija verbali lill-istess xhud. Dwar dan, a fol 33 u fol 34 ibid, jidher li l-konvenut kien iddikjara li kien qed jsuq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, b'velocita moderata. Hawnhekk, teswalment, hu qal "… car GAD 569 (misjuqa mill-attur) was going to turn towards the left, that is Triq il-Maghsar, with the indicators on, applied the brakes, but to no avail ….". In rigward l-attur, dan kien iddikjara li kien qed jsuq fl-istess direzzjoni tal-iehor, li xeghel "…. The indicator on to turn on the left…." Izda l-vettura misjuqa mill-konvenutli kienet warajh habtet mieghu.

Illi l-attur, meta xehed (fol 8 et seq ibid) spjega li kien qed jsuq f'Triq Burmarrad li minha jghaddu "…. Zewg karozzi ma genb xulxin …. anke jekk jkun hemm karozza ipparkeggata mal-bankina". Waqt li kien f'distanza ta' madwar metru mill-bankina u ftit qabel ma jasal fejn hemm fermata ta' xarabank, hu xeghel l-"indicator" sabiex juri li kien tiela' f'triq laterali fuq ix-xellug tieghu. Hawnhekk "kif kwazi dort fit-triq laterali … hassejt id-daqqa" moghtija mill-karrozza misjuqa mill-konvenut u li ma kienx ra qabel l-istess habta avolja kien hares mill-mera'. Hu semma' li, wara l-istess habta, l-konvenut kien "…. Skuza ruhu u ammetta it-tort". L-istess attur gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi l-konvenut jidher li habat ukoll mal-bankina fuq ix-xellug tieghu kif jidher mill-imsemmija skizz taht fejn hemm l-ittra "B". Inoltre meta dar sabiex jmur lejn ix-xellug fit-triq laterali "…. Jiena hrigt xi naqra l-barra….". Ghar-raguni indikata minnu fl-istess kontro esami.

Illi l-attur kien akkumpanjat minn zewg passiggieri ossija Gordon u Reuben Micallef (rispettivament a fol 21 u fol 23 tal-istess atti).

L-ewwel wiehed spjega li hu u shabu kienu gejjin "filghodu kmieni minn Paceville" Kif kienu qeghdin jsuqu f'Triq Burmarrad fl-"inner lane" mal-bankina l-"indicator" kien mixghul sabiex jidhlu fit-triq laterali msemmija. Hawnhekk hu sema' "brake qawwi u d-daqqa" bejn iz-zewg bibien fuq ix-xellug waqt li kienu "… mexjin bi dritt".

It-tieni passiggier semma' li "Kif ha naqbdu induru konna xi tlett metri l-boghod mill-bankina, smajt hoss kbir u daqqa go fina …" u "Naf li Noel Galea hares lura qabel ma dar sabiex jara jekk kienx gej traffiku min warajh" kif ukoll "Jiena stess kont ghidt lil Noel Galea sabiex jixghel l-"indciator" sabiex nduru" u dan "…. Xi mitt metru jew mija u hamsin metru qabel ma dorna". In rigward id-dinamika tal-incident, dawn iz-zewg xhieda kkonfermaw, sostanzjalment, dak li kien xehed l-attur kif hawn fuq premess.

Ikkunsidrat

Illi James Zammit (fol 38 et seq ibid) jsostni li kien qed jsuq, ukoll, mal-bankina fuq il-karreggata interna ossija tax-xellug. Fuq barra, fuq il-lemin tieghu, kien hemm il-karozza l-ohra misjuqa mill-attur b'velocita baxxa hafna u in rigward dan qal "Fil-fatt kelli dubju, dak il-hin, jekk kienx effettivament miexi jew wieqaf". Hu kompla jghid "Kif gejt mieghu fuq in-naha tax-xellug tieghu, dan dar f'daqqa lejn ix-xellug ….. kiser lejn Triq il-Maghsar". In rigward dan, hu sahaq, fix-xhieda tieghu, u kontrarjament ghal dak li kien stqarr "a caldo" lill-pulizija hawn fuq imsemmi, illi "ma rajt xejn x'jindika li dan kien ser jdur lejn Triq il-Maghsar". Difatti hu sahaq li ma kienx veru "li ghidt dak il-kliem lill-Pulizija" kif risultanti mill-kopja tar-rapport esebit in atti u kif hawn fuq citati testwalment. In rigward din id-daqqa fuq il-bankina kif murija fuq l-iskizz imsemmi taht l-ittra "B", hu sahaq li kien minnu li kien laqat il-bankina "xi ftit" izda dan kien gara wara li saret il-habta, Fl-ahharnett, hu ammetta li kien skuza ruhu dwar dak li gara izda ma kienx accetta li l-incident kien gara minhabba tort da parti tieghu.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-"facts at issue" kif risultanti mill-provi prodotti, jidher evidenti li l-partijiet involuti, fix-xhieda moghtija minnhom qed jippruvaw jitfghu l-htija ta' dan l-incident fuq il-parti opposta u, ghalhekk, il-Qorti rat jekk hemmx xi prova, indipendenti mill-partijiet, u b'hekk, li

tista' tigi ritenuta imparzjali sabiex tara lil minn tista' tigi akkolata, r-responsabilta' delittwali in konnessjoni mal-istess incident. Difatti, l-uniku xhud li jista' jigi kunsiderat indipendenti u imparzjali, hu l-imsemmi PS 122 Jimmy Muscat u d-dokumenti esebiti minnu. Kif di gja inghad, skond l-istess rapport, il-konvenut kien stqarr u ddikjara illi hu kien ra l-"indicator" tal-karozza l-ohra li kien mixghul, li kien ghafas il-"brake" meta ra dan izda xorta wahda saret il-habta. Hu minnu li, meta xehed, kien cahad li kien qal dan il-kliem lill-pulizija. Pero ma ingieb xejn, a konjizzjoni tal-Qorti hlief dan, sabiex Hi tista tiddubita mill-veracita ta' dak imnizzel fl-istess rapport. Inoltre jigi innotat li, wara l-karozza tal-istess konvenut, kien hemm marki ta' "brakes" twal 13.02 il-metru u dan jindika li l-konvenut ghafas il-"brake" meta ra l-imsemmi "indicator" mixghul u li l-attur kien ser jikser lejn ix-xellug meta kien hemm certa distanza bejn iz-zewg vetturi u mhix ghall-gharieda kif allega l-konvenut.

Illi ghalhekk, il-Qorti tara li ghandha temmen, fis-sustanza, dak li xehed l-attur u z-zewg passiggieri u b'hekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident minhabba li kien qed jsuq minghajr id-debita attenzjoni, tant li ma rax u ma indunax li l-attur kien xeghel l-istess "indicator" qabel ma beda' jesegwixxi l-manuvra kif deskritta.

Ikkunsidrat

Illi ma jidhirx li l-"quantum" tad-danni pretizi mill-attur gie b'xi mod kontestat.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti u l-eccezzjoni tal-konvenut trid tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in esami minhabba

negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' hsarat fis-somma ta' Lm274.68,0;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm274.68,0 bl-imghax legali mill-10 ta' Dicembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tat-30 ta' Novembru 1998.

--------------------------------TMIEM--------------------------------